# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 5**

**Rikors numru 980/2019/1 RGM**

**Ahmad Alshab**

**v.**

**Martin Gauci**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-attur Ahmad Alshab minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Ġunju, 2024, fejn fl-ewwel parti tagħha ċaħdet it-talbiet tal-attur għat-twettiq tal-wegħda ta' bejgħ ta' garaxx magħmula fis-17 ta' April, 2019; u fit-tieni parti tagħha laqgħet il-kontrotalba tal-konvenut Martin Gauci u b'hekk ordnat lill-istess attur sabiex: (i) fi żmien ħmistax-il jum, jitlaq minn idejh

il-pussess tal-garaxx tal-konvenut, għar-raġuni li qiegħed iżommu f'idejh bla ebda jedd u titlu siewi fil-liġi; u (ii) iħallas lill-konvenut Martin Gauci s-somma ta' €18,871 bħala danni, minħabba ż-żamma illegali tal-istess garaxx, bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sakemm isir il-ħlas, u bl-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-15 ta' Ottubru, 2019, l-attur Ahmad Alshab fisser li b'konvenju tas-17 ta' April, 2019, il-konvenut Martin Gauci wegħdu li jbiegħlu garaxx fi Triq il-Ballut ġewwa Tas-Sliema għall-prezz ta' €100,000.

3. Fuq l-ilment li kien kollu ta' xejn li huwa talab lill-konvenut sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tal-garaxx, l-attur Ahmad Alshab ressaq din il-kawża li biha huwa talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1.Tikkundanna [lill-konvenut] jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att nutarili tal-bejgħ tal-fond fuq imsemmi u dan bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmi konvenju;*
>
> *2.Tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Malcolm Mangion sabiex jippubblika l-att tal-bejgħ relattiv u tiffissa data, ħin u lok fejn għandu jiġi ppubblikat il-kuntratt definittiv ta' komprovendita;*
>
> *3. Tinnomina kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sbatax ta' Settembru, 2019*

*kontra l-konvenut, li huwa inġunt minn issa għas-subizzjoni.»*

4. Bi tweġiba maħlufa tas-16 ta' Diċembru, 2019, il-konvenut Martin Gauci laqa' għall-kawża b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1.Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa stante li l-konvenut kien dispost li jidher fuq il-kuntratt finali, kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, bl-intendiment li l-attur kellu jonora l-obbligi kollha tiegħu naxxenti mill-konvenju relattiv, ħaġa li l-attur, għad li interpellat diversi drabi, naqas milli jagħmel;*

*2. Illi għalhekk l-allegazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-attur huma inveritieri u inkompleti u t-talbiet tiegħu ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa stante li kien l-attur li ma onorax l-obbligi tiegħu hekk kif naxxenti mill-konvenju;*

*3. B'riżerva ta' difiżi ulterjuri.»*

5. Martin Gauci inqeda bit-tweġiba maħlufa tiegħu sabiex ressaq ukoll kontrotalba. Hemmhekk huwa fisser li fil-konvenju inkwistjoni, l-attur Ahmad Alshab intrabat miegħu li jipprovdilu vettura tat-tip *«Ford Mustang Coupe 390 'Mach 1'»* bħala ħaġa waħda mill-ftehim ta' bejgħ u xiri tal-garaxx. Kemm fuq il-premessa li l-kuntratt finali ma sarx għaliex l-attur naqas milli jħares l-obbligi tiegħu b'rabta mal-konsenja tal-vettura imwegħda, kif ukoll fuq l-ilment li l-istess attur qiegħed iżomm il-pussess tal-garaxx tiegħu bla ebda jedd fil-liġi, il-konvenut Martin Gauci talab lill-Qorti sabiex:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-attur rikonvenzjonat Ahmad Alshab ma għandux jedd u titlu validu fil-liġi sabiex iżomm il-pussess tal-garaxx numru 6 sottopost għall-blokka appartamenti bl-isem ta' Maria Flats ġewwa Triq il-Ballut, Tas-Sliema, mertu tal-vertenza odjerna;*

*2. Illi konsegwentement tordna lill-attur rikonvenzjonat jirrilaxxa u*

*jirritorna l-pussess vakanti tal-istess garaxx f'terminu qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas ta' liema rilaxx tawtorizza lil Martin Gauci jieħu l-pussess lura u jibdel is-serratura tal-istess garaxx a spejjeż ta' Ahmad Alshab;*

*3. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' nomina ta' perit nominandi, id-danni kkawżati lil Martin Gauci u tordna lil Ahmad Alshab iħallas dak il-kumpens hekk likwidat għaż-żamma bla titlu tal-fond inkwistjoni għall-perjodu ta' bejn id-data li huwa ħa l-pussess tal-fond u ċjoè fis-17 ta' April 2019, sad-data tar-rilaxx effettiv lura lil Martin Gauci;*

*4. Tordna lil Ahmad Alshab iħallas id-danni hekk likwidati rappreżentanti ż-żamma bla titlu tal-fond inkwistjoni għall-perjodu ta' bejn id-data li huwa ħa l-pussess tal-fond u ċjoè fis-17 ta' April 2019, sad-data tar-rilaxx effettiv lura lil Martin Gauci;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-eventwali pagament, inklużi dawk tal-proċeduri kollha relatati mal-preżenti proċeduri, u ta' kwalsiasi proċeduri ulterjuri kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

6. L-attur Ahmad Alshab laqa' għall-kontrotalba ta' Martin Gauci, billi bi tweġiba maħlufa mressqa fit-28 ta' Jannar, 2020, huwa qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet kollha tal-konvenut rikonvenzjonant huma opposti stante li ai termini tal-konvenju bejn l-attur rikonvenzjonat u l-konvenut rikonvenzjonant datat 17 ta' April, 2019, il-pussess tal-proprjetà in vendità ossia tal-garaxx immarkat bin-numru uffiċjali 6, li jinsab fil-ground floor level, mingħajr l-arja tiegħu minħabba li sottopost għal liema blokk ta' appartamenti li jġib l-isem ta' 'Maria Flats' u flimkien mal-bir sottopost u bis-sottowol tal-garaxx kollu u flimkien mal-bitħa retroposta, u liema garaxx hu aċċessibbli minn entratura distinta li tiżbokka fi Triq il-Ballut, Sliema għadda immedjatament għand l-attur rikonvenzjonat u dan sal-eżekuzzjoni tal-att finali;*

*2. Illi mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat naqas milli jipprovdi l-vettura speċifikata fil-konvenju u ċjoè Ford Mustang Coupè kif tirriżulta deskritta fuq il-log book tal-istess vettura anness bħala 'Dok Ċ' mal-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant, liema deskrizzjoni però mhijiex dik mogħtija mill-konvenut rikonvenzjonant fl-atti tal-kawża;*

*3. Illi fl-istess konvenju jingħad bl-aktar mod ċar illi «l-vettura qiegħda hawn tiġi bonarjament ivvalutata mill-partiijet **fl-istat attwali tagħha**» (enfasi miżjuda) kif ukoll dikjarazzjoni li «bħalissa filwaqt li l-magna qed taħdem, tidher li għandha bżonn espert sabiex jivverifika għalfejn il-*

*magna mhijiex taħdem perfettament kif suppost» u għalhekk mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat ma pprovdiex dak minnu pattwit;*

*4. Illi mhuwiex minnu li l-attur rikonvenzjonat naqas milli jidher għall-allegat appuntament imsemmi fil-kontrotalba ġuramentata tal-konvenut rikonvenzjonant u ċjoè d-data tal-20 ta' Settembru, 2019 fis-2:30, stante li ma kienx ser ikun possibbli li jiġi ffirmat l-Att billi l-konvenut rikonvenzjonant kien qed jhedded li biex jiffirma ried li jirċievi ħlas addizzjonali u fin-nuqqas jagħmel rapport lill-Pulizija li l-magna kienet misruqa u dana oltre li l-konvenut rikonvenzjonant kien jaf u għalhekk kienet intbagħatet l-ittra uffiċjali da parti tal-attur rikonvenzjonat fis-17 ta' Settembru, 2020 li l-konsulent legali tiegħu kien ser ikun imsiefer u ried isir qabel it-18 ta' Settembru, 2020 tant li l-istess konvenut rikonvenzjonant bagħat l-ittra ġudizzjarja tiegħu fid-19 ta' Settembru, u ċjoè qabel id-data msemmija għall-għeluq tal-konvenju;*

*5. Illi l-valur tal-vettura msemmija fil-konvenju ngħata bħala depożitu però l-vettura ma kinitx kundizzjoni mhux negozjabbli sabiex isir l-att relattiv u minkejja li l-attur rikonvenzjonat offra li jgħaddi l-valur tal-vettura lill-konvenut rikonvenzjonant filwaqt li l-konvenut rikonvenzjonant jirritorna l-vettura fl-istat li kienet fid-data tal-konvenju sabiex isir l-att ta' trasferiment tal-garaxx imsemmi, il-konvenut rikonvenzjonant irrifjuta u kien għalhekk li l-attur rikonvenzjonat kellu jipproċedi bir-rikors ġuramentat wara li interpellah skont il-liġi;*

*6. Illi l-attur rikonvenzjonat jaf fuq il-fatti msemmija personalment.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut rikonvenzjonant.»*

7. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2024, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, u laqgħet it-talbiet fil-kontrotalba tal-konvenut Martin Gauci, billi: (i) sabet li l-attur Ahmad Alshab qiegħed iżomm il-garaxx inkwistjoni bla ebda titlu siewi fil-liġi; (ii) ordnat lill-istess attur sabiex jitlaq minn idejh il-pussess tal-garaxx fi żmien ħmistax-il jum minn meta s-sentenza tgħaddi f'ġudikat; u (iii) fl-aħħar nett ordnat ukoll lill-attur iħallas lill-konvenut is-somma ta' €18,871 bħala danni minħabba ż-żamma illegali tal-garaxx, għaż-żmien ta' bejn l-14 ta' Jannar, 2020 sal-jum li fih ingħatat is-sentenza, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sakemm isir il-ħlas, kif ukoll bl-ispejjeż kollha tal-kawża.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

*«**Konsiderazzjonijiet:***

*33. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra n-natura tal-ftehim ta' bejn il-partijiet b'mod partikolari jekk jaqax in parte taħt l-istitut ta' tpartit.*

*34. Tpartit huwa kuntratt li bih il-partijiet jobbligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin ħaġa li ma tkunx flus. Tpartit, bħal bejgħ, isir bil-kunsens (**Artikolu 1485 tal-Kodiċi Ċivili**). Il-liġi tikkontempla wkoll għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn mal-oġġett impartat ikun hemm ukoll żieda ta' flus u dan huwa regolat taħt l-**Artikolu 1486 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi hekk:*

> *«(1) Il-kuntratt jibqa' jitqies bħala kuntratt ta' tpartit, għalkemm jiġi msemmi l-valur tal-ħwejjeġ li l-partijiet jintrabtu li jagħtu lil xulxin jew għalkemm waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti, flimkien mal-ħaġa, żjieda fi flus.*
>
> *(2) B'dankollu, jekk is-somma ta' flus li waħda mill-partijiet tintrabat li tħallas, tkun taqbeż il-valur tal-ħaġa li dik il-parti tintrabat li tagħti, <u>il-kuntratt jitqies bħala xiri u bejgħ għall-ħwejjeġ kollha illi l-partijiet ikunu ntrabtu li jagħtu lil xulxin</u>.»*

*35. Ma' dan jinqara wkoll l-**Artikolu 1352 (2) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi*

> *«Madankollu, il-kuntratt jibqa' ta' bejgħ jekk, mas-somma ta' flus miftiehma, ix-xerrej jobbliga ruħu li jagħti xi ħaġa in natura bħala żjieda mal-prezz.»*

*36. Barra minn hekk, il-leġislatur ħaseb ukoll għal tpartit ta' ħaġa mobbli ma' oħra immobbli (**Artikolu 1488 tal-Kapitolu 16**) iżda f'dak il-każ, il-kuntratt ma jiswiex jekk ma jsirx b'att pubbliku (**Artikolu 1489 tal-Kapitolu 16**).*

*37. Huwa għaldaqstant evidenti li għalkemm l-attur ħallas id-depożitu fuq il-konvenju permezz ta' vettura, il-kuntratt xorta għandu jitqies bħala wieħed ta' xiri u bejgħ. Imiss għalhekk li jiġu meqjusa l-prinċipji tal-kuntratt ta' bejgħ anke għaliex l-azzjoni tal-attur m'hi xejn għajr waħda għall- eżekuzzjoni ta' wegħda ta' bejgħ.*

*38. In prinċipju huwa ben saput li l-wegħda ta' xiri u bejgħ f'att ta' konvenju tnissel f'kull waħda mill-partijiet rabta lejn il-parti l-oħra li l-wegħda mogħtija tinżamm. Sakemm ma jkunx għadu ġie ppubblikat il-kuntratt tax-xiri u bejgħ, dik ir-rabta tkun għadha wegħda. Wegħda li l-parti l-oħra tista' tisħaq li titwettaq ladarba jkunu jissussistu l-kundizzjonijiet xierqa u ladarba t-talba ssir bil-mod u fiż-żmien maħsub fil-liġi. Il-konvenju jnissel ukoll effetti ta' obbligazzjoni ċivili.*

*39. Fi kliem ieħor il-konvenju huwa dak il-ftehim preliminari milħuq bejn*

*żewġ partijiet, li permezz tiegħu dawn jobbligaw ruħhom u jintrabtu li aktar 'il quddiem jidħlu f'kuntratt ta' xiri-u-bejgħ skont il-kundizzjonijiet li jkunu ftehmu fil-ftehim preliminari (Ara* ***Martin Chetcuti et v. Rosario Gatt et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2008 u* ***Mojca Zammit Briffa v. Ivan Vella et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu 2022 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru 2022).*

*40. Sabiex parti bi dritt ma tersaqx għall-kuntratt meta interpellata, tkun trid turi li teżisti raġuni valida, jew ostaklu impedittiv jew motiv ġust ta' resiliment (****Raphael Attard Flores et v. Kinematics Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' April, 2006).*

*41. Il-wegħda ta' bejgħ hija regolata bl-****Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili*** *li jipprovdi illi:*

> *«(1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.*
>
> *(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dakinhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien.»*

*42. Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Ciro Del Negro et v. Victor Grech****, deċiża fl-10 ta' Jannar 1994:*

> *«L-****Artikolu 1357 tal-Kap. 16*** *jippreskrivi li l-effett ta' wegħda ta' bejgħ jispiċċa* ***meta jagħlaq iż-żmien miftiehem*** *bejn il-partijiet ghalhekk... kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju* ***ippreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien*** *applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'ċitazzjoni sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien.»*

*43. Għaldaqstant sabiex konvenju jinżamm fis-seħħ hemm żewġ proċeduri li jridu jittieħdu – il-preżentata tal-ittra uffiċjali u fin-nuqqas ta' ffirmar tal-kuntratt finali, intavolar ta' proċeduri ġudizzjarji – u jekk ma jitteħdux it-tnejn, il-konvenju jiskadi anke bħala titlu ta' obbligazzjoni.*

*44. Fil-każ odjern mhuwiex ikkontestat li l-kumpratur bagħat ittra uffiċċjali fis-17 ta' Settembru 2019 u l-konvenut bagħat ittra uffiċjali fid-19 ta' Settembru 2019, it-tnejn għalhekk qabel għalaq iż-żmien miftiehem, l-20 ta' Settembru 2019. B'dawn l-ittri uffiċjali l-effetti tal-*

*konvenju ġew estiżi bi tletin jum. Issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża* ***Maria Bianchi et v. JMA Developments Ltd et*** *(Rik App 210/1997) deċiża fis-26 ta' Mejju 2006, meta qablet mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sens li:*

> *«a tenur tal-**Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16** ġaladarba tiġi ppreżentata ittra uffiċjali qabel ma jiskadi t-terminu tal-konvenju, dan l-att ġudizzjarju jestendi l-effetti tal-konvenju għall-perjodu ta' xahar sakemm jew l-aċċettant jagħżel li jersaq għall-kuntratt entro dak ix-xahar jew altrimenti sakemm tiġi ppreżentata l-azzjoni fejn jintalab li l-aċċettant (ossia dak li jkun wiegħed) iwettaq il-wegħda li jkun għamel permezz tal-konvenju.»*

*45. Mill-atti jidher li kien ġie ffissat appuntament quddiem in-Nutar Malcolm Mangion għall-20 ta' Settembru 2019 għal liema appuntament deher il-konvenut Martin Gauci iżda l-attur baqa' ma deherx. Din il-Qorti m'għandhiex informazzjoni dwar jekk l-attur kienx jaf b'dan l-appuntament anke għaliex il-korrispondenza ppreżentata u li tinsab a fol 130 sa 133 hija korrispondenza skambjata bejn in-Nutar u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti għan-nom tal-konvenut. Dak li l-Qorti tislet mill-provi huwa li l-attur kien informa lill-konvenut li huwa kien ser ikun imsiefer u ma setax jattendi fl-20 ta' Settembru jekk il-kuntratt finali kien ser isir dakinhar u jekk kellu jsir il-kuntratt finali kellu jsir qabel dik id-data.*

*46. Il-Qorti tosserva wkoll iżda li nonostante li t-terminu ġie estiż ma jidhirx li ġie ffissat appuntament ieħor. L-attur intavola l-azzjoni odjerna fil-15 ta' Ottubru, 2019, sabiex b'hekk huwa baqa' fit-terminu stabbilit mil-liġi ta' tletin jum minn meta għalqet id-data miftehma.*

*47. Mill-fatt waħdu li l-konvenut ippreżenta ittra uffiċċjali fid-19 ta' Settembru 2019, fejn interpella lill-attur sabiex jersaq għall-kuntratt finali kif ukoll mill-fatt li huwa deher quddiem in-Nutar Mangion fl-20 ta' Settembru 2019, huma turija tal-intenzjoni tal-konvenut li jersaq għall-kuntratt finali taħt il-kundizzjonijiet miftehma fuq il-konvenju. Il-konvenut jinsisti li kien l-attur li ma resaqx għall-kuntratt finali u mhux hu.*

*48. Huwa evidenti mill-qari tar-risposta ġuramentata u anke mit-talba rikonvenzjonali li dan il-litiġju tnissel fuq allegazzjoni da parti tal-konvenut li l-attur naqas milli jħares il-kundizzjoni mwegħda minnu fuq il-konvenju riferibbli għall-vettura hemm imsemmija.*

*...*

*50. Konvenju huwa ftehim li permezz tiegħu l-bejjiegħ prospettiv jidħol f'obbligu dirett mal-akkwirent prospettiv, li jbiegħ l-immobbli lill-akkwirent, u li kemm-il darba jonqos minn tali obbligu l-akkwirent prospettiv għandu kull jedd jitlob l-eżekuzzjoni furzata tiegħu. L-obbligi tal-kontraenti huma biss dawk stipulati fuq il-konvenju u xejn aktar. Il-bejjiegħ prospettiv huwa tenut jersaq għall-kuntratt taħt il-kundizzjonijiet miftehma fuq il-konvenju.*

*51. Fil-każ odjern, diversi huma l-kundizzjonijiet miftiehma imma f'dan l-istadju l-iktar kundizzjoni rilevanti hija l-ewwel waħda li tipprovdi li sar «**depożitu** permezz tal-għotja tal-**pussess** tal-vettura tal-għamla Ford Mustang Coupè [...] u tali vettura qiegħda hawn tiġi bonarjament ivvalutata mill-partijiet **fl-istat attwali tagħha** għas-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) [...]. Il-Kumpratur **jiggarantixxi** a favur il-venditur li tali vettura **m'għandhiex difetti latenti**. [...] Illi l-partijiet jiddikjaraw li bħalissa filwaqt li l-magna qiegħda taħdem, tidher li għandha bżonn espert sabiex **jivverifika għalfejn il-magna mhijiex qiegħda taħdem perfettament kif suppost** u għal dan il-għan il-Kumpratur qed hawnhekk iqabbad lil Venditur sabiex iġib esperti ħalli jagħmlu r-riparazzjonijiet neċessarji għas- spejjeż tal-istess Kumpratur wara li jiġi avżat bl-ammont tal-istess u dan sabiex tali magna tiġi ripristinata u taħdem kif suppost.» (Fol 5 a tergo tal-proċess.)*

*52. Il-ftehim prinċipali huwa l-bejgħ tal-proprjetà immobbli filwaqt li l-vettura Ford Mustang daħlet in xena bħala depożitu akkont.*

*53. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jgħid li «minn analiżi analitika tal-konvenju l-valur attribwit lill-vettura ġie dikjarat bħala depożitu mill-prezz tal-immobbli u ċjoè tal-garaxx u għalhekk fuq l-att finali kellu jithallas l-ammont ta' sebgħin elf ewro (€70,000). Jirrizulta għalhekk illi l-eżami li għandha tagħmel din l-Onorabbli Qorti huwa jekk il-konvenju dwar il-bejgħ tal-immobbli kienx kundizzjonat mill-bejgħ tal-vettura li l-obbligazzjoni ta' bejn il-partijiet u ċjoè l-wegħda tal-konvenut li jbiegħ il-garaxx u l-wegħda tal-attur li jixtri l-garaxx skont il-konvenju għandhiex tiġi eżegwita indipendentement mill-vettura stante li l-valur tal-vettura ġie meħud bħala depożitu u għalhekk il-bejgħ tagħha skont il-liġi huwa perfezzjonat.» (Fol 244 – 245 tal-proċess.) Fl-imsemmija nota l-attur insista li l-vettura ġiet mibjugħa lill-konvenut u dan għaliex il-logbook tal-vettura għadda għand il-konvenut mingħand l-attur kif ukoll għaliex fuq dan l-imsemmi dokument l-attur iffirma taħt il-kolonna intestata «Firma tal-Bejjiegħ». Fir-rigward ta' dan saret referenza għas-sentenza **Cranes and Comercial Sales Ltd vs. Lawrence Micallef** deċiża mill-Prim'Awla fis-17 ta' Novembru 2003.*

*54. Il-Qorti tinnota li l-fattispeċi tal-kawża msemmija huma kompletament differenti minn dawk tal-kawża odjerna. F'dik il-kawża kien sar kuntratt ta' bejgħ bi tpartit bejn żewġ vetturi - la kien hemm il-ħtieġa li jsir konvenju u lanqas ma kienet ingħatat xi vettura bħala depożitu akkont.*

*55. Kuntrarjament għal dak li qiegħed jiġi sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, hawn non si tratta ta' bejgħ ta' vettura li ġie finalizzat u li għandhom japplikaw l-**Artikolu 1424 et seq tal-Kapitolu 16**. Il-Qorti tqis li hawn si trattata ta' vettura mogħtija bħala depożitu akkont (minflok depożitu bi flus kif ġeneralment isir). Apparti li huwa l-konvenju stess li jistipula dan, il-konvenju jipprovdi wkoll li l-kumpratur ta biss lill-konvenut <u>il-pussess</u> tal-vettura u mhux l-ownership tagħha. Inoltre fit-tieni kundizzjoni ġie maqbul, li jekk għal xi raġuni l-kuntratt*

*finali ma jsirx, il-venditur għandu jirrestitwixxi lura l-vettura. Il-Qorti għaldaqstant tqis li ġaladarba l-bejgħ għadu mhux konkluż, hija ma tistax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet applikabbli għal meta l-bejgħ ikun finalizzat inkluż il-provedimenti dwar il-garanzija ta' difett li ma jidhirx, u ċjoè l-**Artikolu 1424 et seq tal-Kapitolu 16**.*

*56. Il-konvenut jinsisti li l-vettura «ma kinitx idonea u ma kinitx dik li kienet mwegħda» (fol. 268 tal-proċess) u dan prinċipalment għal tliet raġunijiet: (a) il-magna ma taħdimx sew; (b) il-magna mhijiex dik oriġinali li ħarġet biha l-karozza mill-fabbrika u (ċ) il-vettura mhijiex Ford Mustang Mach 1 kif imwiegħda fil-konvenju. Għal dawn ir-raġunijiet il-konvenut jgħid li «l-attur ma jistax jippretendi li l-konvenut jidher fuq l-att ta' bejgħ finali jekk l-attur mhuwiex f'pożizzjoni u mhuwiex dispost li jipprovdi dak li ġie pattwit bejn il-partijiet, ovvjament fi stat funzjonanti u fi stat li jissodisfa l-kriterji meħtieġa għall-vettura tal-epoka.» (fol 268 tal-proċess)*

*57. Il-Qorti sejra tibda bl-aħħar ilment u ċjoè li l-vettura mhijiex Ford Mustang Mach 1 kif imwiegħda fil-konvenju. Mill-ewwel kundizzjoni sukwotata jirriżulta li l-kumpratur ħallas id-depożitu akkont permezz ta' «Ford Mustang Coupè» mingħajr ma saret ebda riferenza għall-kliem Mach 1. Fuq il-vettura hemm stickers bil-kliem «Mach 1» fuqha u għalhekk il-konvenut kellu raġuni jemmen illi kien ser jixtri vettura Mach 1.*

*58. L-espert osserva li l-vettura mhijiex Mach 1 għax «biex tkun hekk il-Code tal-Magna fin-numru ta' identifikazzjoni jrid ikun differenti». Hawn l-espert qiegħed jagħmel riferenza għat-tieni numru li jinsab fix-chassis number. Ix-chassis number tal-vettura inkwistjoni b'mod komplut huwa 9T02T68411. Filwaqt li l-ewwel numru jindika s-sena meta ħarġet il-vettura (f'dan il-każ 9 = 1969) u l-ewwel ittra hija l-post fejn ħarġet (T = Metuchen, New Jersey), it-tieni numru huwa l-body tal-vettura (02 = Fastback). Fil-każ odjern kien l-espert stess li ppreżenta tabella a fol 220 fejn għas-sena 1969, in-numru 02 kien ikopri body Fastback, Fastback Mach 1 u Fastback Boss 302, Boss 429 (L-istess deskrizzjoni tinsab a fol 225 li ukoll jifforma parti mir-rapport tal-espert). Din l-informazzjoni tidher mit-tabella stess li ttieħdet mis-sit elettroniku ta' Mustang Specs: https://www.mustangspecs.com/1969-mustang-vin/. Dan l-istess sit elettroniku jipprovdi li kien mis-sena 1970 li l-vetturi bil-body Mach 1 beda jingħata n-numru 05. L-espert naqas jispjega kif wasal għall-konklużjoni li l-vettura mhijiex Mach 1 meta attwalment in-numru 02 jinkludi fih ukoll il-body Mach 1. L-espert jagħmel riferenza għal sticker (Data Plate Decoder) li tkun imwaħħla mal-pilastru ta' ħdejn ix-xufier, liema sticker osserva l-espert hija nieqsa. Din kienet tindika bi preċiżjoni d-dettalji karozza inkluż jekk hijiex Mach 1. Il-Qorti tqis illi ġaladarba in-numru 02 kien ikopri tliet tipi ta' bodies differenti kellu jħares lejn karatteristiċi oħra tal-vettura li jkunu distingwibbli minn mudelli differenti tal-istess sena. F'dan il-każ għalhekk il-Qorti ma tistax tasal f'konklużjoni ċerta li l-vettura mhijiex Mach 1 kif jindikaw l-istickers imwaħħlin mal-ġenb tal-vettura. Fi kwalunkwe każ ġa osservajna illi l-*

*konvenju ma jagħmel ebda riferenza għall-kliem Mach 1 iżda biss il-kelma «Coupè» li ġeneralment tirreferi għal vettura b'żewġ bibien u saqaf fiss (ċjoè mhux convertible).*

*60. Mhux ikkontestat mill-attur li l-magna mhijiex dik li ħarġet biha mill-fabbrika. Waqt il-kontroeżami Christopher Sammut li kien jagħmel xogħol għal missieru li kien importa din il-vettura kkonferma li l-magna li kienet biha ma kinitx waħda oriġinali u dan għaliex hija ħarġet b'magna straight-6 filwaqt li l-magna li kien hemm imqiegħda fil-vettura mertu tal-kawża kienet tat-tip V8. Il-magna V8 hija aktar minn dik straight-6. Il-magna tal-Ford Mustang mertu tal-kawża hija hekk imsejħa big block u ċjoè hija magna aktar b'saħħitha u aktar veloċi minn straight-6.*

*61. Dawn il-blocks huma nnumerati fejn fil-każ odjern il-magna għandha imnaqqax fiha 60-352. Dan in-numru ġie identifikat bħala engine number fuq il-logbook Ingliż (u ċjoè minn fejn ġiet impurtata) (Fol 58 tal-proċess) u dan l-istess numru ġie mniżżel fil-logbook Malti (Fol 59 tal-proċess). Il-konvenut però jgħid li dan in-numru mhuwiex verament l-engine number iżda biss il-block number. Jgħid li l-engine number ma jidhirx għajr għal numru wieħed u ittra waħda.*

*62. L-espert Natalino Agius ma jidħolx fir-rapport tiegħu dwar il-kwistjoni jekk in-numru 60-352 hux l-engine number jew l-engine block number, però jasal għall-konklużjoni li:*

> *«mill-istħarriġ li għamilt skont in-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura l-magna li għandha din il-karozza rreġistrata ma hijiex il-magna li oriġinarjament ħarġet biha. Dan il-fatt joħroġ billi l-magna li għandha bħalissa hija ta' għamla Ford Mustang imma hija V8 mentri l-magna oriġinali mill-fabbrika skond chassis number hija straight 6 [6 cylinder]. Il-kodiċi tal-magna li ħarġet din il-karozza biha hija [T] din tirrappreżenta magna Standard 115hp 200ci 6-Cyl u mhux V8. Il-magna li għandha bħalissa hija V8 kif ġie stabbilit waqt l-ispezzjoni li saret» (Fol. 255 tal-proċess).*

*63. Mhux talli l-magna mhijiex dik oriġinali talli ġie ppruvat li l-magna li l-vettura hija armata biha bħalissa għandha ħsarat kbar. Il-konvenut mill-bidu kien imħasseb dwar kif qiegħda taħdem il-magna tant li fl-ewwel kundizzjoni tal-konvenju l-kontraenti ddikjaraw li għalkemm il-magna kienet qiegħda taħdem, «tidher li għandha bżonn espert sabiex* ***jivverifika għalfejn il-magna ma hijiex qiegħda taħdem perfettament kif suppost*** *u għal dan il-għan il-Kumpratur qed hawnhekk iqabbad lill-Venditur sabiex iġib esperti ħalli jagħmlu r-riparazzjonijiet neċessarji a spejjeż tal-istess Kumpratur wara li jiġi avżat bl-ammont tal-istess u dan sabiex tali magna tiġi ripristinata u taħdem kif suppost.»*

*64. It-tħassib tal-konvenut kien ikkonfermat mill-mekkanik Anthony Aquilina meta żarma l-magna. Huwa sab boldijiet mgħawġin u oħrajn mhux oriġinali għal dik il-magna, tant li ma bediex jgħaddi żejt minn*

*ħdejn dawn il-boldijiet.*

*65. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-espert meta fisser li «Ta' min jgħid li l-magna ġiet spezzjonata għand mechanic li żarmaha, inżid ngħid li skont il-partijiet internali tal-magna ġejt muri din il-magna ma setgħetx kienet taħdem tajjeb. Xi partijiet nsabu mgħawġin kif ukoll xi partijiet ġew sostitwiti b'boldijiet oriġinarji. Suppost dawn il-partijiet jgħaddi minnhom iż-żejt imma dawn il-boldijiet ma għandhomx minn fejn jgħaddi iż-żejt.» (Fol 226 tal-proċess).*

*66. Nonostante dan kollu, il-konvenut kien lest li l-magna tiġi msewwija billi jinxtraw il-parts appożiti u biex jingħad kollox l-attur kien lest li jħallas l-ispejjeż. Li ġara però hu li peress li l-engine number ma kienx jidher u l-magna ma kinitx dik oriġinali għal dik il-vettura, il-mekkanik ma setax juża xi wieħed minn dawn in-numri sabiex jixtri l-parts meħtieġa. Dan wassal sabiex il-magna ma setgħetx tiġi msewwija u għalhekk ma baqgħetx salvabbli.*

*67. Jirriżulta sodisfaċentement illi d-difett fil-magna huwa tant gravi illi mhux rimedjabbli.*

*...*

*69. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur kiteb li «fil-konvenju ma jirriżultax li kien hemm kundizzjoni li jekk il-vettura jkollha xi difett il-wegħda ta' bejn il-partijiet ma tkunx aktar valida jew xi kundizzjoni oħra fir-rispett tal-vettura.»* (Fol 226 tal-proċess). Saret riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Paul Scicluna v. L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, l-Isqof ta' Għawdex et*** mogħtija fil-31 ta' Mejju 2004. Fost oħrajn ikkwota s-segwenti silta: *«jekk tinqala' ċirkostanza li hija estraneja għall-ftehim milħuq bejn il-partijiet kontraenti mhuwiex leċitu għal waħda mill-partijiet li tipprova tiżvinkola ruħha mill-obbligi minnha assunti minħabba f'dana l-intopp estraneju.»*

*70. L-attur m'għandux raġun. Mhux talli l-kuntratt ma kellux kundizzjoni li jekk ikollha xi difett il-wegħda ta' bejn il-kontraenti ma tkunx valida, talli l-attur fuq il-konvenju «iggarantixxa [...] li tali vettura ma għandhiex difett latenti.» Di più, kif ġa ritenut, poġġew obbligazzjoni fuq il-kumpratur attur sabiex iħallas għat-tiswijiet meħtieġa sabiex isiru r-riparazzjonijiet neċessarji fuq il-magna.*

*71. Kif fuq spjegat, din l-obbligazzjoni ma ġietx eżegwita sal-mument li kien estiż l-konvenju u ċjoè sal-20 ta' Settembru, 2019. Ġaladarba l-attur m'ottemporax ruħu mal-obbligi tal-konvenju, huwa ma setax jagħti lill-konvenut dak li wegħdu u ċjoè vettura mingħajr difetti.*

*72. Applikabbli għall-każ odjern hija l-massima inadimplenti non est adimplendum u ċjoè l-attur ma jistax jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenut jeżegwixxi obbligazzjoni tiegħu meta l-attur stess naqas milli jeżegwixxi l-obbligazzjoni tiegħu.*

*...*

*76. Fil-każ odjern kien l-attur li naqas milli jonora l-obbligu tiegħu naxxenti mill-konvenju. Irriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li l-magna tal-vettura fiha difetti gravi irrimedjabbli. Kellu kull raġun il-konvenut ma jersaqx għall-kuntratt ta' bejgħ tal-immobbli u dan għaliex l-istipulazzjonijiet fil-konvenju jorbtu l-bejgħ tal-immobbli mal-bejgħ tal-vettura. Il-bejgħ tal-vettura ma jistax jiġi estrapolat mill-bejgħ tal-immobbli kif qed jippretendi l-attur. Ma għandux dritt l-attur meta jgħid illi għandu jedd li jixtri l-garaxx billi jħallas il-prezz fl-intier tiegħu u jieħu lura l-pussess tal-vettura. Huwa aktar milli evidenti sew mill-konvenju kif ukoll mill-provi mressqa illi l-ftehim kien wieħed. Ġaladarba kien l-attur li rrinega mill-obbligi tiegħu fuq il-konvenju, l-ittra uffiċjali minnu ppreżentata ma għandhiex l-effetti maħsuba fl-**Artikolu 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili** (Ara **G & L Bugeja Ltd vs. Philip George Degiorgio et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023). Għaldaqstant il-konvenju nħall mal-iskadenza tal-estensjoni tiegħu bil-konsegwenza illi l-attur ma għandux jedd jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-garaxx.*

***77. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tal-attur.***

***Kontrotalba***

*78. Ngħaddu issa għall-kontrotalba mressqa mill-konvenut li permezz tagħha qed jitlob li l-attur rikonvenzjonat jirritorna l-pussess tal-garaxx lill-konvenut kif ukoll li jiġi kkundannat iħallas lill-konvenut rikonvenzjonant kumpens «għaż-żamma bla titlu» ta' dan il-fond.*

*79. Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, jekk l-ammont imħallas fuq il-konvenju kien depożitu akkont tal-prezz, ġaladarba jaqa' l-konvenju, kollox għandu jmur lura għall-istatus quo ante.*

*...*

*80. Tenut kont li l-konvenju għalaq bla ma ser jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' kompravendita, u anke fid-dawl tal-fatt li fuq il-konvenju l-partijiet qablu li f'każ li l-kuntratt finali ma jsirx għandu jiġi ritornat kollox lill-parti rispettiva, din il-Qorti sejra tordna li l-partijiet jitqiegħdu fi status quo ante. L-attur rikonvenzjonat għandu jirritorna lura lill-konvenut il-pussess tal-garaxx peress li l-pussess tiegħu kien kundizzjonat li jiġi ppubblikat il-kuntratt. Dan anke in linea ma dak li ġie miftiehem fuq il-konvenju stess: «[...] filwaqt li l-pussess tal-proprjetà qed jgħaddi għand il-Kumpratur b'effett immedjat tali pussess hu biss wieħed fuq tolleranza abażi tal-fatt li l-eżekuzzjoni tal-att finali hu wieħed imminenti u kemm-il darba għal kwalunkwe raġuni l-att ma jiġix ippubblikat l-Kumpratur ma jifdallu l-ebda jedd residwali fuq l-istess garage. Jiġi wkoll maqbul li kull benefikati addizzjonali li l-Kumpratur jogħġbu jagħmel fil-garage hu dejjem a riskju pjen tal-istess Kumpratur u ma*

*jkollu l-ebda dritt għal rifużjoni ta' spejjeż mill-venditur jekk l-Att finali ma jseħħx.» (Fol 6 tal-proċess).*

*81. Ir-rilaxx u r-ritorn tal-pussess tal-garaxx għandu jsir fi żmien ġimagħtejn minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.*

*82. Imiss issa jiġu meqjusa r-rimanenti talbiet rikonvenzjonali u ċjoè l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni reklamati mill-konvenut rikonvenzjonant rappreżentanti ż-żamma allegatament bla titlu tal-fond inkwistjoni għall-perjodu ta' bejn id-data li huwa ħa l-pussess tal-fond u ċjoè mis-17 ta' April 2019, sad-data tar-rilaxx effettiv lura lill-konvenut.*

*83. Sakemm kien għadu in vigore l-konvenju, ma jistax jingħad li mis-17 ta' April, 2019, l-attur kien qed jiddetjeni l-garaxx mingħajr ebda titlu. Kienu l-partijiet stess li qablu li matul il-validità tal-konvenju l-pussess tal-garaxx jgħaddi għand l-attur. Kif daqstant ieħor ftehmu li l-pussess tal-garaxx jerġa' jgħaddi lura għand il-konvenut fl-eventwalità li l-kuntratt ma jiġix ippubblikat. Kif ġa rajna, fl-14 ta' Awwissu, 2019, il-partijiet estendew il-konvenju sal-20 ta' Settembru, 2019 u għalhekk sa dik id-data l-attur kien qed iżomm il-pussess tal-garaxx bis-saħħa ta' dak il-konvenju.*

*84. Mhux l-istess jista' jingħad ġaladarba kif rajna il-kuntratt ma ġiex ippubblikat għal raġunijiet imputabbli lill-attur. L-attur kien jaf, jew messu kien jaf, illi ġaladarba l-vettura li wiegħed li jitrasferixxi lill-konvenut kellha difetti gravi irrimedjabbli, ma setax jibqa' jinsisti li jiġi ppubblikat il-kuntratt ta' bejgħ tal-immobbli peress li l-bejgħ tal-vettura kien intrinsikament marbut mal-bejgħ tal-immobbli.*

*85. L-attur kellu l-obbligu li jonora l-wegħda tiegħu fuq il-konvenju sa mhux iktar tard mid-data tal-estensjoni. Ġaladarba rriżulta illi sal-iskadenza tal-konvenju l-attur ma kienx f'pożizzjoni li jonora dak li ntrabat bih fuq il-konvenju, huwa kellu l-obbligu ġa kkontemplat fil-konvenju li jirritorna l-pussess tal-garaxx lill-konvenut. L-attur ma rritornax iċ-ċavetta lill-konvenut għaliex ippretenda li għandu l-jedd jeżiġi li l-kuntratt tal-bejgħ jiġi ippubblikat. Pretensjoni din li kif rajna aktar qabel ma hijiex fondata u qed tiġi riġettata. Mill-atti ma jirriżultax li l-ittra uffiċjali ppreżentata mill-konvenut kienet ġiet notifikata lill-attur. Il-kontrotalba ġiet notifikata lill-attur fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2020.*

*86. Seta' jekk ried jeżimi ruħu mir-responsabbiltà l-attur illi jiddepożita ċ-ċavetta taħt l-awtorità tal-qorti pendenti l-eżitu tal-kawża u l-kontrotalba, però ma ħax tali azzjoni.*

*87. Darba li l-effetti tal-konvenju ġew fi tmiemhom mal-iskadenza tat-terminu estiż mingħajr mal-kuntratt ta' bejgħ ġie ppubblikat, l-attur ma setax jibqa' jitqies li qed iżomm il-pussess tal-garaxx bis-saħħa tal-konvenju. Kull okkupazzjoni sussegwenti da parti tal-attur titqies «bla titlu» bl-oneru li jħallas danni għall-okkupazzjoni mhux awtorizzata.*

*88. Għaldaqstant il-Qorti qed tqis illi b'effett mill-14 ta' Jannar, 2020, id-data tan-notifika tal-kontrotalba, l-attur rikonvenzjonat ġie uffiċjalment notifikat bit-talba li jirritorna l-garaxx lill-konvenut bil-konsegwenza korollari ta' responsabbiltà għad-danni b'riżultat tal-inadempjenza tiegħu. Danni konsistenti f'kumpens għall-użu mhux awtorizzat. Meta jkun hemm okkupazzjoni bla titlu, il-kumpens dovut bħala danni huwa kkalkolat abbażi tal-valur lokatizzju tal-fond (ara.* ***John Galea et. v. Raymond Falzon et.*** *- Prim' Awla - 28 ta' April, 2005).*

*89. Bħala prova tad-danni, il-konvenut rikonvenzjonant ippreżenta sett ta' tmien irċevuti tal-kirja tal-garaxx għall-perjodu bejn is-17 ta' Ġunju 2014 u l-31 ta' Jannar 2015 (Fol 103 sa Fol 110 tal-proċess). Il-kirja kienet ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) fix-xahar. Din hija l-unika prova li għandha l-Qorti dwar il-valur lokatizzju tal-fond liema prova ma ġiet bl-ebda mod kontradetta.*

*90. Sejra għalhekk tillikwida d-danni dovuti lill-konvenut rikonvenzjonant fuq kalkolu ta' €350 fix-xahar għall-perijodu mill-14 ta' Jannar 2020 sad-data tal-lum, b'riżerva għad-danni futuri.*

*91. Kalkolu : €350 x 12 x 4 = €16,800 (14/01/2020 – 13/01/2024); €350 x 180 jum = €2,071 (14/01/2024 – 28/06/2024). Total : €18,871.00.»*

9. L-attur Ahmad Alshab ma qabilx ma' din is-sentenza, u b'rikors tal-appell tat-22 ta' Lulju, 2024, huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok: (i) tilqa' t-talbiet kollha tiegħu wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Martin Gauci; (ii) kif ukoll tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu għall-kontrotalba tal-istess Martin Gauci, u b'hekk tiċħad dik il-kontrotalba, bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut Martin Gauci.

10. Bi tweġiba mressqa fit-2 ta' Awwissu, 2024, Martin Gauci fisser li s-sentenza appellata hija waħda tajba u ġusta, u konsegwentement talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell ta' Ahmad Alshab, bl-ispejjeż kontrih.

11. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-attur appellant Ahmad Alshab qiegħed jaqsam ir-rikors tal-appell tiegħu f'ħames aggravji.

13. Fl-ewwel żewġ aggravji, Ahmad Alshab jilmenta li l-Ewwel Qorti ma fehmitx sewwa l-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet fuq il-konvenju tas-17 ta' April, 2019, u agħar minn hekk, imponiet kundizzjonijiet li l-partijiet qatt ma ftehmu dwarhom. Fit-tielet aggravju, Alshab qiegħed imbagħad jargumenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx sewwa l-garanzija dwar id-difetti moħbija, filwaqt li fir-raba' u l-ħames aggravji huwa qiegħed isostni li l-Ewwel Qorti poġġiet biss lill-konvenut u mhux ukoll lilu fis-sitwazzjoni oriġinali li kienu jinsabu fiha l-partijiet qabel l-iffirmar tal-konvenju, u li f'kull każ, l-Ewwel Qorti żbaljat fil-likwidazzjoni tad-danni.

14. Nibdew bl-ewwel żewġ aggravji, li minħabba r-rabta li hemm bejniethom il-Qorti sejra tkun qiegħda tistħarriġhom flimkien.

15. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** l-attur appellant jitlaq billi jfisser, li min-natura tiegħu, konvenju huwa kuntratt u għalhekk għandhom jgħoddu għalih il-prinċipji ġenerali dwar il-kuntratti. Jirreferi għall-**Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili**, u jgħid li skont il-liġi, il-kuntratti għandhom is-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet. Jisħaq li f'dan il-każ, il-partijiet intrabtu li jħarsu dawk il-klawsoli kollha li tniżżlu fil-konvenju tas-17 ta' April, 2019, mingħajr l-ebda żieda ta' kundizzjonijiet oħra li dwarhom ma kien hemm l-ebda ftehim.

16. Wara li jgħaddi biex jirreferi għal uħud mill-klawsoli ewlenin tal-konvenju tas-17 ta' April, 2019, l-attur appellant jenfasizza li kull tiswijiet li setgħu kienu meħtieġa fuq il-magna tal-vettura, ma kellhomx jitqiesu daqslikieku kienu xi kundizzjoni meħtieġa għall-iffirmar tal-kuntratt finali dwar it-trasferiment tal-garaxx.

17. F'dan is-sens, jargumenta li bil-maqlub għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, il-konvenut Martin Gauci ma kellux raġuni siewja biex ma jersaqx għall-kuntratt finali, u dan billi l-konvenju ma kienx soġġett għal xi kundizzjoni sospensiva, fis-sens li sabiex l-att finali seta' jsir, il-magna tal-vettura kellha tiġi msewwija u terġa' tibda taħdem kif suppost.

18. Isostni li tant kemm it-tiswija tal-vettura kienet immaterjali għall-konklużjoni tal-att finali, li fuq il-konvenju l-partijiet saħansitra stqarrew li qegħdin jivvalutaw il-vettura fl-ammont ta' tletin elf ewro: *«fl-istat attwali*

*tagħha.»*

19. Jissokta billi jargumenta li jekk kemm-il darba l-appellant ma ħassx li l-vettura kienet iġġib dak il-valur, jew inkella ma kinitx tal-għamla speċifikata jew kellha xi difetti fir-reġistrazzjoni, huwa ma kellux jiffirma l-konvenju jew minn tal-inqas kellu jdaħħal kundizzjoni sospensiva.

20. Jinsisti li dak li sewwasew qablu dwaru l-partijiet kien li d-depożitu ta' €30,000 kellu jgħaddi għand il-konvenut bl-għoti tal-pussess tal-vettura tal-għamla *Ford Mustang Coupè*. Jisħaq li dan huwa għamlu.

21. Jikkonkludi li mill-ġabra sħiħa tal-provi ħareġ li l-kundizzjonijiet kollha li ftehmu dwarhom il-partijiet ġew imwettqa, b'tali mod li l-konvenut ma kien fadallu l-ebda raġuni siewja fil-liġi sabiex ma jersaqx għall-iffirmar tal-kuntratt finali.

22. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-attur appellant ikompli fejn ħalla fl-ewwel aggravju u jistqarr li huwa ma jaqbel xejn mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li *«l-bejgħ tal-vettura kien intrinsikament marbut mal-bejgħ tal-immobbli.»*

23. Jenfasizza li l-unika kundizzjoni li kien hemm fil-konvenju kienet dwar li huwa kellu jgħaddi l-pussess tal-vettura f'idejn il-konvenut appellat — ħaġa li jtenni li għamel.

24. Għal darb'oħra jinsisti li l-partijiet ma niżżlux xi kundizzjoni speċifika fil-konvenju, li fin-nuqqas ta' tiswijiet tal-magna tal-vettura, il-konvenut kellu xi dritt li ma jidhirx fuq il-kuntratt finali ta' trasferiment, jew inkella li dik il-wegħda tisfa' bla siwi. Fid-dawl ta' dan, jilmenta li hekk kif l-Ewwel Qorti qieset li l-konvenut kellu raġuni tajba biex ma jidhirx għall-kuntratt minħabba n-nuqqas tat-tiswijiet fil-magna, il-Qorti imponiet kundizzjoni ġdida li l-partijiet ma kinux qablu dwarha.

25. F'dan l-istadju, l-appellant jirreferi għal xi ġurisprudenza li fiha jingħad li l-Qorti mhijiex mogħtija s-setgħa li '*tindaħal*' f'dak li l-partijiet ma jkunux ftehmu dwaru jew inkella li tibdel xi kundizzjoni minn fost dawk li jkunu ġew maqbula fuq l-att tal-konvenju.

26. Il-Qorti wara li qieset dawn l-ilmenti fid-dawl ta' dak kollu li jirriżulta mill-atti tal-kawża, titlaq billi tosserva, li fil-prinċipju, l-attur appellant qiegħed jgħid sewwa, li l-att ta' konvenju huwa kuntratt bħal kuntratt ieħor u għalhekk għandhom jgħoddu għalih kemm il-prinċipji ġenerali dwar il-kuntratti, kif ukoll dawk ir-regoli li l-liġi taħseb għalihom sabiex iservu ta' għajnuna għat-tifsir tal-klawsoli f'kuntratt (ara ***Didier Sergent et v. Michael Anthony Liley et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru, 2012).

27. Kif nafu, wieħed mill-prinċipji ewlenin fit-tifsir tal-kuntratti huwa li meta l-kliem f'kuntratt ikun ċar u jirrifletti sewwa r-rieda tal-partijiet, m'għandux ikun hemm wisa' għal interpetazzjoni, la mill-partijiet u lanqas mill-Qorti. Huwa għalhekk miżmum fil-ġurisprudenza li jekk kemm-il darba l-iskrittura privata li biha jsir l-att tal-konvenju tkun ċara, id-dmir tal-Qorti huwa sewwasew li tagħti l-ħajja lil dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuq il-konvenju, u xejn iktar minn hekk (ara ***Angelo Bartolo et v. Patri Alexander Vella noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu, 2024, u ***Island Farmhouses Limited v. Michelina Xerri pro et noe et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 2010).

28. Fil-prinċipju, l-attur appellant qiegħed għaldaqstant jgħid ukoll sewwa, li l-Qorti mhijiex ġeneralment mogħtija s-setgħa li tindaħal f'dak li l-partijiet ma jkunux ftehmu dwaru, jew inkella tibdel xi kundizzjoni minn fost dawk li jkunu ġew maqbula mill-partijiet fuq l-att tal-konvenju. Tassew, hemm bosta sentenzi f'dan is-sens (ara b'eżempju ***Romina Veneziani v. Ferdinando Veneziani*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2024 u ***Karkanja Developments Limited v. Emanuel Galea*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju, 2024).

29. Issa waħda minn fost l-iprem kundizzjonijiet li toħroġ minn kull konvenju, u li għandha tiġi rispettata sew mill-bejjiegħ kif ukoll mix-xerrej, hija dik b'rabta mal-ħlas tal-prezz jew il-konsiderazzjoni li għandha

titħallas b'rabta mal-oġġett jew oġġetti li skont il-konvenju għandhom jiġu trasferiti. Tant hu hekk li mingħajr it-tismija ta' prezz, jiġi nieqes wieħed mill-elementi essenzjali għas-siwi ta' konvenju (ara ***Avukat Dottor Robert Zammit v. Constantino Abela*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023; u ***It-Tabib Dr. Carmel sive Lino Gauci Borda et v. Carmelina sive Carmela Azzopardi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2004).

30. Fil-każ tal-lum, fil-konvenju tas-17 ta' April, 2019, il-partijiet mhux talli ftehmu fuq prezz, iżda wkoll speċifikaw dwar il-modalità ta' kif dan kellu jitħallas. Kemm hu hekk, il-partijiet ma waqfux sal-punt fejn qalu li l-prezz tal-bejgħ tal-garaxx li jissemma fil-konvenju kellu jkun ta' mitt elf ewro (€100,000), iżda speċifikaw li tali prezz kellu jitħallas fis-somma ta' sebgħin elf ewro (€70,000) f'kontanti fuq il-kuntratt finali, filwaqt li l-bqija kellu jitħallas *in natura* u sewwasew b'vettura tal-għamla *Ford Mustang Coupè,* bin-numru ta' reġistrazzjoni BCD-894 (ara l-ewwel kundizzjoni tal-konvenju tas-17 ta' April, 2019, Dok A, fuq dahar paġna 5 tal-atti tal-kawża).

31. Il-partjiet qablu wkoll li għalkemm *«il-pussess»* tal-imsemmija vettura kien qiegħed jgħaddi minnufih għand il-konvenut bħala *«depożitu»,* madankollu dik il-vettura ma setgħetx tintuża sakemm dak il-konvenju kellu jdum ħaj. Fuq kollox il-partijiet speċifikaw li: *«it-*

*trasferiment tal-vettura [j]seħħ fil-ġurnata tal-att finali»* (erġa' ara l-ewwel kundizzjoni tal-konvenju tas-17 ta' April, 2019, Dok A, fuq dahar paġna 5 tal-atti tal-kawża).

32. Li jingħad li l-bejgħ tal-vettura inkwistjoni ma kienx marbut sfiq mal-bejgħ tal-garaxx huwa għalhekk diġà ħażin, u dan billi fin-nuqqas tat-trasferiment ta' dik il-vettura, l-attur appellant, bħala xerrej, kien sejjer ikun qiegħed jonqos milli jwettaq wieħed mill-obbligi fundamentali tiegħu, u sewwasew dak li jħallas il-prezz tal-garaxx bil-mod ta' kif miftiehem.

33. Daqshekk ieħor l-attur appellant ma jistax jgħid li huwa ma ntrabatx mal-konvenut Martin Gauci, li jagħtih il-vettura inkwistjoni, b'magna li tkun fi stat tajjeb u taħdem kif suppost.

34. Fis-sewwa, fuq il-konvenju tas-17 ta' April, 2019, il-partijiet ma ftehmux li l-konvenut kellu jikseb il-vettura fl-istess stat li kienet fih fil-jum tal-konvenju. Mod ieħor, il-partijiet stqarrew li: *«bħalissa filwaqt li l-magna qiegħda taħdem, tidher li għandha bżonn espert sabiex jivverifika għalfejn il-magna ma hijiex qiegħda taħdem perfettament kif suppost u għal dan il-għan il-Kumpratur* [Ahmad Alshab] *qed hawnhekk iqabbad lil Venditur* [Martin Gauci] *sabiex iġib esperti ħalli jagħmlu r-riparazzjonijiet neċessarji a spejjeż tal-istess Kumpratur wara li jiġi avżat bl-ammont tal-istess* ***u dan sabiex tali magna tiġi rippristinata u taħdem kif suppost****»* (silta

meħuda mill-ewwel kundizzjoni tal-konvenju tas-17 ta' April, 2019, Dok A, fuq dahar paġna 5 tal-atti tal-kawża).

35. Kif tifhimha din il-Qorti, bi klawsola ta' din ix-xorta, il-partijiet ma kellhomx għalfejn jispeċifikaw ukoll b'mod espress, li t-tiswijiet imsemmija kellhom isiru sal-jum li fih kellu jsir il-kuntratt ta' trasferiment tal-garaxx. Lanqas ma kien hemm għalfejn jitniżżel li l-konvenut Martin Gauci kellu d-dritt li ma jidhirx għal dak il-kuntratt, f'każ li l-magna tal-vettura ma kinitx sejra tissewwa sakemm idum ħaj il-konvenju.

36. Dan għaliex hija l-liġi stess li fl-**Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili** titlob li l-kuntratti għandhom jitwettqu mill-partijiet b'rieda tajba u li fuq kollox «***jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom*, iżda wkoll *għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni* skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi**.»

37. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li hekk kif l-attur appellant qabel li l-magna tal-vettura kellha tissewwa u titreġġa' lura fi stat li *«taħdem kif suppost»,* huwa kien qiegħed jaċċetta li jekk kemm-il darba l-magna ma kinitx sejra tinġieb lura għal dak l-istat, huwa kien sejjer ikun qiegħed jonqos milli jwettaq dak li daħal għalih, bil-konsegwenzi kollha li dan in-nuqqas iġib miegħu, fosthom dak li huwa ma setax jippretendi iktar lill-konvenut jaċċetta li jikseb il-vettura inkwistjoni bħala parti mill-prezz għall-

garaxx.

38. L-appellant ma jistax għalhekk jgħid li l-Ewwel Qorti imponiet fuqu xi kundizzjoni li ma daħalx għaliha fil-konvenju.

39. Issa mill-ġabra sħiħa tal-provi ħareġ biċ-ċar, li f'dan il-każ, il-magna inkwistjoni mank biss tista' tissewwa aħseb u ara kemm tista' terġa' tiġi *«taħdem kif suppost»* hekk kif maqbul u mwiegħed bl-iswed fuq l-abjad fuq il-konvenju.

40. Dwar dan, kemm il-mekkanik Anthony Aquilina, li tqabbad isewwi l-magna, kif ukoll l-espert tekniku Natalino Agius ikkonkludew li l-magna tal-vettura inkwistjoni ma tistax taħdem sewwa għaliex bosta mill-*pushrods* (vireg li jimbuttaw) fil-ġewwieni tagħha nbidlu b'boltijiet li minnhom ma kienx jgħaddi ż-żejt, u li minkejja dawn jeħtieġ li jinbidlu, tali *pushrods* ma jistgħux jinxtraw għaliex in-numru tal-identifikazzjoni tal-magna m'għadux intatt, bil-konsegwenza li: *«wieħed ma jistax jasal biex jordnahom»* (ara x-xhieda tal-mekkanik Anthony Aquilina f'paġni 198 u 199 tal-atti tal-kawża, kif ukoll ir-rapport tal-espert tekniku Natalino Agius, f'paġni 226 u 230 tal-atti tal-kawża).

41. Agħar minn hekk, il-mekkanik Anthony Aquilina fisser li anke jekk kellhom jinbidlu dawk il-*pushrods*, jibqa' xorta waħda l-fatt li l-magna xorta

waħda mhijiex vijabbli li tissewwa għaliex għandha *«qasma li qed 'tillijkja' l-compression għal ġol-ilma»,* bil-konsegwenza li qiegħda titlef l-ilma u tisħon (erġa' ara x-xhieda ta' Anthony Aquilina, f'paġna 198 tal-atti tal-kawża, kif ukoll il-kontroeżami tal-istess xhud f'paġna 200 tal-atti tal-kawża).

42. Fil-fehma tal-Qorti, l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn ma temminx lill-mekkanik Anthony Aquilina, u dan mhux biss għaliex il-fehma tiegħu ġiet imsaħħa bil-fehma tal-espert tekniku li nħatar minnha, iżda wkoll għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, l-attur ma weriex li huwa kien f'qagħda li jsib il-*pushrods* speċifiċi li tinħtieġ il-magna biex setgħet tissewwa. Lanqas ma wera li l-problema tat-telf tal-ilma setgħet tissewwa jew imqar tittaffa, b'tali mod li l-magna tibda *«taħdem kif suppost.»*

43. Ġaladarba huwa daqshekk ċar li l-magna tal-vettura inkwistjoni ma tistax tissewwa, jew aħjar terġa' tiġi *«taħdem kif suppost»,* l-attur appellant ma seta' qatt kien f'qagħda li jagħti lill-konvenut vettura bil-magna taħdem bil-mod kif imwiegħed minnu, u fin-nuqqas ta' hekk, it-trasferiment tal-vettura ma setax isir iktar skont kif miftiehem fuq l-att tal-konvenju.

44. F'xenarju bħal dan, l-attur appellant ma jistax jibqa' jsabbat saqajh u jinsisti li l-konvenut ma kellux raġuni tajba biex ma jidhirx għall-kuntratt

finali ta' trasferiment tal-garaxx u dan billi minn kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, waħda mir-raġunijiet ewlenin li għalihom parti f'konvenju jkollha raġuni siewja sabiex ma tidhirx għall-kuntratt finali, hija sewwasew jekk il-kuntratt finali ma jkunx jista' jsir aktar bil-mod ta' kif ikun oriġinarjament miftiehem fuq l-att tal-konvenju (ara ***Luke Paul Dingli et v. John Hayman et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2025; ***Univest Enterprises Limited v. Josephine Mary mart Bernard Kilford*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2024; u ***Joseph Fenech v. Joseph Cassar*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024).

45. Wara kollox, l-attur appellant stess qabel li r-raġuni ewlenija għalfejn il-konvenut Martin Gauci kien raħħaslu l-prezz mit-talba oriġinali tiegħu ta' €140,000 għall-prezz miftiehem ta' sebgħin elf ewro f'kontanti flimkien mat-trasferiment tal-karozza inkwistjoni, kien proprju għaliex huwa kien kollezzjonist tal-karozzi u xtaq ħafna li jżid mal-kollezzjoni tiegħu l-karozza inkwistjoni (ara l-kontroeżami tal-attur f'paġna 209 tal-atti tal-kawża).

46. Il-karozza inkwistjoni lagħbet għalhekk parti fundamentali fin-negozju ta' bejn il-partijiet, u ġaladarba l-attur appellant ma kienx f'qagħda li jagħti lill-konvenut dik il-karozza fil-kundizzjoni mwiegħda minnu, mela allura l-konvenut Martin Gauci kellu tabilħaqq raġuni ġusta sabiex ma jidhirx għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-garaxx.

47. L-ilmenti tal-appellant Ahmad Alshab mhumiex għalhekk mistħoqqa, u għal dawn ir-raġunijiet kollha l-ewwel u t-tieni aggravji qegħdin jiġu miċħuda.

48. Ngħaddu issa għat-**<u>tielet aggravju</u>** ta' Ahmad Alshab, li fih qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx sewwa l-garanzija għad-difetti moħbija.

49. L-appellant jitlaq billi jilmenta li f'paragrafi 55 u 70 tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ħadet żewġ pożizzjonijiet li ma jmorrux flimkien, għaliex filwaqt li f'paragrafu 55 qieset li d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-garanzija għad-difetti mistura ma kinux japplikaw minħabba li l-bejgħ kien għadu mhux konkluż, mill-banda 'l oħra, f'paragrafu 70 tas-sentenza, il-Qorti xorta waħda żammitu responsabbli talli huwa ma ħarisx dik il-garanzija.

50. Wara dan, l-appellant jgħaddi biex ifisser li huwa ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti li l-bejgħ tal-vettura għadu ma sarx, u filwaqt li jfakkar li anke waqt il-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti huwa ħaddan il-pożizzjoni li l-bejgħ tal-karozza diġà sar, jinsisti li huwa bl-ebda mod jew ieħor ma kiser il-garanzija li dik il-vettura hija ħielsa minn difetti moħbija.

51. F'dan l-istadju, l-appellant jissottometti fit-tul li l-ġurisprudenza tagħmel differenza ċara bejn difetti mistura u dawk li jidhru jew inkella li

setgħu jiġu mikxufa. F'dan is-sens, l-appellant jargumenta li x-xorta ta' difetti li l-konvenut appellat qiegħed jilmenta dwarhom ma kinux mistura, iżda kienu jidhru — tant li fuq il-kitba tal-konvenju, il-partijiet stess kitbu li l-magna ma kinitx qiegħda taħdem kif suppost.

52. Jenfasizza li l-konvenut Martin Gauci seta' faċilment jintebaħ bin-nuqqasijiet kollha li issa qiegħed jilmenta dwarhom, u dan mhux biss għaliex huwa mar jifli l-karozza flimkien ma' ibnu qabel ma' deher fuq il-kitba tal-konvenju, iżda wkoll għaliex huwa stess stqarr li jifhem fil-karozzi billi huwa kollezzjonist tagħhom.

53. F'dan il-kwadru, l-appellant Ahmad Alshab jargumenta li jekk kien hemm xi nuqqas, dan kien tal-konvenut Martin Gauci billi huwa naqas fl-obbligu tiegħu bħala xerrej li jivverifika sewwa l-oġġett mixtri minnu. Jikkonkludi li huwa m'għandux ibati għan-nuqqasijiet tal-konvenut, u jtenni li huwa ħares bi sħiħ il-garanzija dwar li l-vettura inkwistjoni mhijiex maħkuma minn difetti mistura.

54. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju ma jista' jwassal lill-appellant imkien.

55. Għalkemm huwa kollu minnu li l-attur appellant għadda l-pussess tal-vettura inkwistjoni flimkien maċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tagħha (il-

*log book*) lill-konvenut bħala depożitu, jibqa' xorta waħda l-fatt, li fuq il-konvenju l-partijiet speċifikaw li: *«it-trasferiment tal-vettura [j]seħħ fil-ġurnata tal-att finali.»* u qablu wkoll bejniethom li: *«kemm-il darba l-att finali ma jiġix ippubblikat, l-Venditur* [Martin Gauci] *sempliċement ikun obbligat li jirrestitwixxi lura l-vettura lil Kumpratur* [Ahmad Alshab] *fl-istat li hi llum jew wara li l-magna tiġi msewwija kif hawn fuq ingħad...».* (siltiet meħuda mill-ewwel u t-tieni kundizzjonijiet tal-konvenju tas-17 ta' April, 2019, Dok A, f'paġni 5 u 6 tal-atti tal-kawża).

56. Fuq kollox, il-ftehim ta' bejn il-partijiet kien li l-vettura kellha sservi bħala parti mill-prezz tal-bejgħ tal-garaxx, u għaldaqstant mingħajr il-bejgħ tal-garaxx, il-bejgħ tal-vettura ma setax jitqies finalizzat.

57. L-Ewwel Qorti qalet għalhekk sewwa li l-bejgħ tal-vettura għadu ma sarx.

58. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti li l-garanzija dwar id-difetti moħbija tidħol biss fis-seħħ mal-konklużjoni tal-kuntratt ta' bejgħ, u għaldaqstant, l-argumenti kollha tal-appellant dwar jekk id-difett fil-magna kienx wieħed li jidher jew inkella li seta' faċilment jiġi vverifikat huma għalkollox irrilevanti.

59. Dak li jħoll u jorbot kollox għall-għanijiet ta' din il-kawża, huwa għalhekk biss jekk il-konvenut appellat kellux raġuni siewja għalfejn ma jidhirx għall-kuntratt finali tat-trasferiment tal-garaxx.

60. Kif rajna iktar kmieni, ir-raġuni li għaliha Martin Gauci kien qiegħed iżomm lura milli jittrasferixxi l-garaxx kif mitlub mill-appellant Ahmad Alshab kienet waħda tabilħaqq ġusta, u għar-raġunijiet li diġà ngħataw fil-konsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel żewġ aggravji, it-tielet aggravju ta' Ahmad Alshab qiegħed jiġi wkoll miċħud.

61. Fir-**<u>raba' aggravju</u>** l-appellant Ahmad Alshab qiegħed jilmenta li minkejja l-Ewwel Qorti ordnatlu jrodd lura l-pussess tal-garaxx lill-konvenut Martin Gauci, u dan sabiex il-partijiet jerġgħu lura għall-istat li kienu fih qabel ma' daħlu għall-konvenju, madankollu l-Qorti naqset milli tordna wkoll lill-konvenut sabiex iroddlu lura l-pussess tal-vettura *Ford Mustang coupè.*

62. Jargumenta li b'dan il-mod, l-Ewwel Qorti poġġiet biss lill-konvenut fl-istat li kienu fih qabel ma' ressqu għall-konvenju, u b'konsegwenza ta' dan jilmenta li huwa ġie żvantaġġat bil-bosta meta mqabbel mal-konvenut.

63. Jirraġuna għalhekk li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward

mhijiex ġusta u fid-dawl ta' dan isostni li din il-Qorti għandha tordna lill-appellat Martin Gauci sabiex iroddlu lura l-vettura inkwistjoni.

64. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u saħansitra jxaqleb lejn il-fieragħ.

65. Ir-raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti ordnat lill-attur appellant sabiex irodd lura l-pussess tal-garaxx lill-konvenut Martin Gauci, ma kinitx għaliex riedet tpoġġi lill-appellant f'xi qagħda agħar minn dik tal-konvenut, iżda proprju għaliex dan tal-aħħar ressaq kontrotalba, li fiha speċifikatament talabha tordna lill-attur Ahmad Alshab jroddlu lura l-pussess tal-garaxx, fuq il-premessa li dan kien qiegħed iżomm tali garaxx mingħajr l-ebda titlu siewi fil-liġi.

66. B'differenza għall-konvenut Martin Gauci, fir-rikors maħluf li bih beda din il-kawża, Ahmad Alshab naqas għalkollox milli jniżżel xi talba fis-sens li jekk kemm-il darba l-Qorti ma kinitx sejra tordna lill-konvenut sabiex jersaq għall-kuntratt ta' bejgħ tal-garaxx, minn tal-inqas dan kellu jroddlu lura l-pussess tal-vettura li tah bħala depożitu.

67. L-attur appellant messu jaf tajjeb biżżejjed li l-Qrati Superjuri huma marbuta li jimxu fuq il-kawżali u t-talbiet hekk kif imfissra fl-att li bih tinbeda l-kawża. Bit-talbiet tiegħu, l-attur rabat lill-Ewwel Qorti fuq dak li

kellha tiddeċiedi dwaru u għalhekk huwa ma jista' qatt jippretendi li dik il-Qorti setgħet tmur lil hemm minn dak li huwa stess oriġinarjament talabha fir-rikors maħluf tiegħu (ara ***Fair Trading Limited v. Green MT Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2024 u ***Johnnie Azzopardi nomine v. Dentist David Muscat et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2024).

68. Tassew, li kieku l-Qorti ma kellhiex toqgħod fil-limiti ta' dak li niżżel fit-talbiet, is-sentenza kienet tkun milquta bil-vizzju tal-*extra* jew l-*ultra petita* (ara ***Raymond Caruana et v. Conrad Pace*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2023), u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li qagħdet lura milli tordna lill-konvenut Martin Gauci sabiex irodd lura l-pussess fiżiku tal-vettura lill-attur. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti qiegħda tgħid hawnhekk li l-konvenut jista' jżomm il-karozza għalih innifsu. Mod ieħor, dak li qed tgħid hawnhekk din il-Qorti huwa biss li l-Ewwel Qorti ma kellhiex talba quddiemha biex tordna lill-konvenut biex irodd il-karozza lura lill-attur u għalhekk l-attur ma jistax jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma ordnatx lill-konvenut biex iroddlu lura l-karozza.

69. Ir-raba' aggravju ta' Ahmad Alshab qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud, b'danakollu l-Qorti qiegħda żżomm impreġudikat kull jedd li jista' jkollu l-attur sabiex jitlob lill-konvenut iroddlu lura l-pussess tal-vettura inkwistjoni.

70. Jifdal biss il-**<u>ħames aggravju</u>** li fih l-attur appellant qiegħed jilmenta dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ordnatlu jħallas lill-konvenut Martin Gauci, id-danni fl-ammont ta' €18,871, b'rabta maż-żamma bla jedd fil-liġi tal-garaxx, għaż-żmien ta' bejn l-14 ta' Jannar, 2020 u t-28 ta' Ġunju, 2024.

71. L-appellant jitlaq billi josserva li għalkemm l-Ewwel Qorti qieset li huwa kellu jħallas id-danni għaliex naqas milli jiddepożita ċ-ċavetta tal-garaxx tal-konvenut taħt l-awtorità tal-Qorti, fl-istess waqt hija però naqset għalkollox milli tqis li l-konvenut Martin Gauci naqas ukoll milli jiddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti.

72. Jissokta billi jfisser li huwa ma jaqbilx mal-mod ta' kif l-Ewwel Qorti assumiet li l-konvenut kien sejjer jirnexxilu jsib lil xi ħadd sabiex jikrilu l-garaxx għall-perjodu kollu ta' bejn l-14 ta' Jannar, 2020 u t-28 ta' Ġunju, 2024 rispettivament, u fuq l-argument li dan il-perjodu mhuwiex qsajjar, jilmenta li ma jistax jingħad b'ċertezza li l-konvenut kien fil-fatt sejjer jirnexxilu dejjem isib lil xi ħadd li kien lest li jikri tali garaxx.

73. Josserva li mid-data tal-aħħar irċevuta li tressqet bħala prova tal-kirja u l-jum tal-14 ta' Jannar 2020, għaddew kważi ħames snin, u jargumenta li dan jixħet dubji serji dwar kemm fil-fatt l-appellat kien sejjer

jirnexxilu jsib lil xi ħadd biex jikrilu l-garaxx. Jgħid ukoll li anke l-fatt innifsu li l-konvenut iddeċieda li jbiegħ il-garaxx, iqanqal ċertu dubji dwar kemm huwa kien sejjer jikri dak il-garaxx.

74. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-ammont ta' €350 fix-xahar li mxiet fuqu l-Ewwel Qorti, l-attur appellant jargumenta li l-irċevuti mressqa mill-konvenut Martin Gauci lanqas ma setgħu jitqiesu bħala prova siewja kif mitlub mil-liġi, għaliex jgħid li dawn ma ġew qatt ikkonfermati mill-konvenut appellat jew inkella mill-individwi li lilhom isejħu l-istess irċevuti. Skont l-appellant, dan wassal biex l-awtentiċità tal-irċevuti baqgħet qatt ma ġiet ippruvata mill-konvenut.

75. Jikkonkludi li f'kull każ, lanqas ma jista' jingħad b'ċertezza li l-konvenut Martin Gauci kien sejjer jirnexxilu jdaħħal kirja fl-ammont ta' €350 fix-xahar, li hekk qal li daħħal bejn is-17 ta' Lulju, 2014 u l-31 ta' Jannar, 2015.

76. Il-Qorti titlaq billi tosserva li l-appellant ma jistax jikkontesta r-responsabbiltà tiegħu għall-ħlas tad-danni fuq is-sempliċi raġuni li l-konvenut naqas ukoll milli jiddepożita l-vettura tiegħu taħt l-awtorità tal-Qorti. Min-naħa tiegħu, l-appellant ma ressaq l-ebda talba sabiex il-konvenut iħallsu d-danni għaż-żamma tal-vettura, u għalhekk dak li jgħodd biss huwa jekk Alshab kienx qiegħed iżomm il-garaxx inkwistjoni

b'titlu siewi fil-liġi, għall-perjodu kollu li għalih inżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni.

77. Minkejja dan, fir-rikors tal-appell, Ahmad Alshab naqas għalkollox milli, b'xi mod jew ieħor, jargumenta li huwa kien qiegħed iżomm il-garaxx tal-konvenut b'xi titlu siewi fil-liġi għaż-żmien kollu ta' bejn l-14 ta' Jannar, 2020, sat-18 ta' Ġunju, 2024. Fuq kollox, huwa mank biss semma taħt liema titlu fil-liġi huwa kien qiegħed iżomm il-garaxx tal-konvenut f'dak il-perjodu.

78. Ahmad Alshab ma seħħlux għalhekk juri li l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni differenti milli wasslet għaliha, u ġaladarba kull min jokkupa jew iżomm għandu l-ġid ta' ħaddieħor bla ma jkollu jedd fil-liġi għandu jagħmel tajjeb għad-danni li jġib b'għemilu, l-appellant ma jistax jippretendi li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni (ara ***Edgar Gili et v. Anthony Tonna*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru, 2024). Tassew, sakemm kien għadu jorbot il-konvenju, kien hemm il-jedd li l-attur iżomm u jgawdi l-garaxx. Iżda mal-mument li skada l-konvenju, kull pussess li l-attur seta' kellu fuq il-garaxx l-ewwel sar wieħed prekarju (ara ***Joseph Micallef et v. Ruben Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024), li mbagħad inbidel f'wieħed abbużiv malli huwa ġie mitlub biex irodd il-garaxx lura u baqa' ma raddux (ara ***Philip Chircop et v. Felix Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-

Appell fil-21 ta' Ottubru, 2021).

79. Sa fejn imbagħad l-attur appellant qiegħed jikkontesta l-ammont ta' danni likwidati mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant għandu raġun biss sa fejn qiegħed jargumenta li l-ammont ta' danni għandu jkun anqas sabiex jirrifletti aħjar il-fatt li l-konvenut Martin Gauci ma kellu l-ebda garanzija li kien sejjer jirnexxilu jikri l-garaxx għall-perjodu kollu ta' bejn l-14 ta' Jannar, 2020 sat-28 ta' Ġunju, 2024.

80. Għalkemm, il-konvenut appellat qiegħed jipprova jilqa' għal dan billi jargumenta li l-garaxx inkwistjoni jinsab f'żona li hija magħrufa sewwa għad-domanda għall-garaxxijiet, min-naħa tiegħu huwa però naqas għalkollox milli jressaq prova konkreta ta' dan, u b'hekk il-Qorti ma tista' tassumi xejn. Barra minn hekk, l-irċevuti li huwa ressaq bħala prova tal-fatt li fil-passat huwa kien jikri l-garaxx, jirreferu biss għall-perjodu ta' bejn Ġunju 2014 sa Frar 2015 (ara Dok RK01 sa RK 08, f'paġni 103 sa 110 tal-atti tal-kawża), u għalhekk il-konvenut naqas ukoll milli jipprova li huwa kien qiegħed jikri l-garaxx inkwistjoni b'mod konsistenti fuq medda twila ta' żmien.

81. Kemm għaliex il-Qorti tista' toqgħod biss fuq dak li joħroġ mill-atti, kif ukoll fuq is-saħħa ta' għadd ġmielu ta' sentenzi li fihom il-Qrati qiesu li fil-likwidazzjoni tad-danni b'rabta mat-telf ta' kiri, għandu jittieħed qies tal-

inċertezza dwar jekk il-proprjetarju kienx tassew sejjer issib dejjem lil xi ħadd sabiex jikrilu ħwejġu, din il-Qorti jidhrilha li <u>d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti għandhom jinaqqsu bil-persentaġġ ta' għoxrin fil-mija (20%),</u> u dan bi tpattija għal tali inċertezza (ara f'dan is-sens: ***Edgar Gili et v. Anthony Tonna*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru, 2024, u ***Sandra Ranieri v. Mohib sive Michael Abouzidan*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2023).

82. Mill-bqija, l-attur appellant m'għandux però raġun fl-ilment tiegħu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx taħdem id-danni fuq ir-rata bażi ta' €350 fix-xahar għaliex l-irċevuti tal-kirja li jirreferu għal dak l-ammont, ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament tal-konvenut jew inkella minn dawk il-persuni li lihom inħarġu.

83. Il-Qorti qiegħda tgħid hekk għal dawn ir-raġunijiet.

84. L-ewwel nett, il-Qorti ma taqbilx li l-irċevuti li qagħdet fuqhom l-Ewwel Qorti ma ġewx ippreżentati bil-ġurament tal-konvenut. L-irċevuti inkwistjoni ma ġewx mehmuża ma' xi kwalunkwe nota bid-dokumenti iżda mal-affidavit tal-konvenut stess li fih huwa stqarr fuq ġurament li: *«dan il-garaxx mertu tal-konvenju msemmi, jiena kont nikrieh għas-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) fix-xahar, <u>kif jidher fil-kopji tal-irċevuti mill-ktieb tal-kera hawn annessi ma' dan l-affidavit mmarkati 'Dok RK 01' sa</u>*

*<u>'Dok RK 08'</u>*» (silta meħuda mill-affidavit ta' Martin Gauci, f'paġna 93 tal-atti tal-kawża).

85. L-affidavit tal-konvenut huwa maħluf, u ġaladarba l-irċevuti inkwistjoni tressqu bħala ħaġa waħda ma' dak l-istess affidavit, l-attur appellant ma jistax jgħid li dawk l-irċevuti ma tressqux fuq ġurament.

86. F'kull każ, anke però li kieku stess il-Qorti kellha taqbel ma' Ahmad Alshab li tali rċevuti ma tressqux bil-ġurament tal-konvenut, jibqa' xorta waħda l-fatt li jekk huwa deherlu li dawk l-irċevuti ma kinux jiswew bħala prova awtentika skont il-liġi, huwa kellu jikkontesta l-awtentiċità tagħhom waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, għaliex fin-nuqqas ta' hekk, il-konferma bil-ġurament tagħhom ma kinitx meħtieġa bħala rekwiżit għas-siwi tagħhom bħala prova (ara b'eżempju ***Anthony Ellul v. Josef Aquilina et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Novembru, 2024 u ***Faces Displays Limited v. Joseph Debono et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2024).

87. Mill-atti tal-kawża ma jidhirx li Ahmad Alshab ikkontesta l-awtentiċità tal-irċevuti waqt li l-provi tal-partijiet kienu għadhom miftuħa, u għaldaqstant huwa ma jistax issa jiġi jargumenta li l-awtentiċità ta' tali rċevuti ma ġietx ippruvata skont il-liġi.

88. Fl-aħħar u mhux b'inqas, din il-Qorti tosserva li l-attur appellant lanqas ma wera li l-kirja tal-garaxx bir-rata ta' €350 fix-xahar kienet xi waħda straordinarja, fis-sens li mhuwiex probabbli li l-konvenut kien sejjer jerġa' jirnexxilu jsib lil xi ħadd li kien lest jikri l-garaxx b'dik ir-rata.

89. Fil-fehma tal-Qorti kirja bir-rata ta' €350 fix-xahar, għal garaxx bħal dak inkwistjoni, mhijiex waħda irraġonevoli, u għaldaqstant din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti ħadmet id-danni fuq ir-rata ta' €350 fix-xahar.

90. Fejn żbaljat l-Ewwel Qorti kien għalhekk biss li ma għamlet l-ebda tnaqqis fl-ammont ta' danni likwidati, sabiex dan ipatti għall-fatt li l-konvenut ma kellu l-ebda garanzija li kien sejjer jirnexxilu jsib dejjem lil xi ħadd biex jikrilu l-garaxx għaż-żmien kollu ta' bejn l-14 ta' Jannar, 2020 sat-28 ta' Ġunju, 2024. Minħabba dan il-fattur, il-Qorti qiegħda tilqa' f'parti żgħira minnu dan l-aħħar aggravju tal-appellant Ahmad Alshab, u għalhekk fl-aħħar tas-sentenza sejra tkun qiegħda tnaqqas id-danni dovuti minn Alshab bir-rata ta' għoxrin fil-mija (20%).

91. Dan sejjer ikun qiegħed iwassal lil din il-Qorti sabiex tnaqqas id-danni mill-ammont ta' €18,871 għas-somma ta' <u>€15,096.80</u> (€18,871 - 420% = €15,096.80)

92. Fl-aħħar nett u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti ma tarax li għandha b'xi mod jew ieħor tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn iddeċidiet li l-imgħaxijiet fuq id-danni likwidati għandhom jibdew jgħaddu mill-jum tas-sentenza appellata. Għalkemm veru li l-appellant baqa' jikkontesta l-ħlas tad-danni sa dan l-istadju, l-ammont likwidat minn din il-Qorti baqa' qrib ħafna ta' dak oriġinarjament likwidat mill-Ewwel Qorti, u billi l-attur appellant seta' faċilment jobsor dan kollu, il-Qorti ma tarax li jkun ġust għall-konvenut Martin Gauci li jiġi mċaħħad mill-imgħaxijiet li laħqu għaddew bejn it-28 ta' Ġunju, 2024, sal-lum.

93. Wara kollox, l-attur appellant lanqas ma ressaq xi argument fis-sens li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu mill-jum ta' din is-sentenza u mhux minn meta ngħatat is-sentenza appellata. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tkun qiegħda tikkundanna lill-attur appellant Ahmad Alshab sabiex iħallas l-imgħaxijiet fuq id-danni likwidati mill-jum li fih ingħatat is-sentenza appellata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** f'parti minnu l-appell tal-attur Ahmad Alshab, b'dan illi qiegħda tibdel is-sentenza appellata billi minflok tillikwida d-danni fl-ammont ta' €18,871, din il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont ta' €15,096.80 bħala danni li l-attur

Ahmad Alshab qiegħed jiġi kkundannat iħallas lill-konvenut Martin Gauci, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza appellata, jiġifieri mit-28 ta' Ġunju, 2024, sakemm isir il-ħlas kollu.

Mill-bqija s-sentenza appellata għandha tibqa' kif inhi, anke fejn għandu x'jaqsam mal-ispejjeż ġudizzjarji.

L-ispejjeż b'rabta ma' din il-proċedura tal-appell għandhom però jitħallsu fil-kwoti rispettivi ta' disgħin fil-mija (90%) mill-attur appellant Ahmad Alshab, filwaqt li l-bilanċ ta' għaxra fil-mija (10%) għandhom jitħallsu mill-konvenut appellat Martin Gauci.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb